VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,227, 28 ta' Marzu, 2014
Taqsima B

A.L. 102 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2014 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75(3) u 79(b) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tal-2014 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra "il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jwasslu għall-grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S. - li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Għażla tal-Applikanti

3. In-numru tal-istudenti li jistgħu jidħlu fil-Kors għandu jkun limitat skont il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti.

4. In-numru tal-istudenti għandu jkun limitat għal sitt studenti Maltin u mill-Unjoni Ewropeja oħra u żewġ studenti minn pajjiż terz.

5. Biex jidħlu fil-Kors l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni bħala studenti regolari tal-Università kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul u kwalunkwe rekwiżiti oħra għad-dħul fil-Kors kif speċifikati fir-regolamenti kollha għall-Kors.

6. Jekk ikun hemm aktar minn sitt applikanti ta' nazzjonalità Maltija jew ta' stati tal-Unjoni Ewropeja oħra eliġibbli, l-aħjar sitt applikanti għandhom jintgħażlu mill-Bord tad-Dħul tal-Università, wara li jitlob il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, skont il-kriterji għall-għażla kif speċifikati fir-regolament 7.

Il-Kriterji għall-Għażla

7. (1) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu l-ewwel jikkonsidra l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom kienu miksuba fl-Eżami tal-Matrikola, jew minn bord tal-eżamijiet ieħor jekk il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà jkun sodisfatt li l-kwalifiki ppreżentati huma komparabbli fil-kontenut u ekwivalenti għall-livell tal-Eżami tal-Matrikola fl-istess suġġett. Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom kienu miksuba sal-31 ta' Awwissu ta' qabel il-bidu tal-Kors għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel u sakemm li l-gradi jkunu miksuba flimkien f'sessjoni waħda (jiġifieri f'seduta waħda) tal-eżamijiet u jkunu miksuba minn bord tal-eżamijiet rikonoxxut wieħed. Dawn l-applikanti għandhom jitqiegħdu f'kategoriji skont il-kriterji ta' hawn taħt:

(a) il-gradi miksuba fis-suġġetti li ġejjin fil-livell indikat għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel:

(i) il-Kimika fil-Livell Avvanzat u l-Bijoloġija fil-Livell Avvanzat, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala s-suġġetti primarji; u

(ii) il-Fiżika, jew fil-Livell Avvanzat jew fil-Livell Intermedju, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala s-suġġett sekondarju;

(b) grad miksub f'suġġett sekondarju meħud fil-Livell Avvanzat, għandu, għall-għan tal-għażla, ikun mogħti l-istess valur bħall-istess grad miksub f'suġġett sekondarju fil-Livell Intermedju;

(ċ) l-applikanti li jkollhom ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jistgħu joffru ċertifikati li għaddew fis-suġġetti primarji u/jew fis-suġġett sekondarju, jew bħala parti mir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jew b'żieda mar-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul;

(d) għall-għan tal-għażla, ċertifikat li għadda miksub f'sessjoni tal-eżamijiet li ssir wara li r-riżultati ta' sessjoni ta' qabilha kienu ppubblikati, għandu jitqies li hu ċertifikat li għadda miksub f'sessjoni li hija distinta minn ta' qabilha. Dan ir-regolament għandu japplika wkoll għat-tieni sessjoni tal-Eżami tal-Matrikola offrut mill-Bord tal-MATSEC tal-Università ta' Malta skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-Eżami tal-Matrikola u dan minkejja xi regolament ieħor dwar l-għoti taċ-Ċertifikat tal-Matrikola;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) il-kategoriji tal-kwalifiki għandhom ikunu dawn li ġejjin:

L-ewwel kategorija:	dawk b'2 'A' fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
It-tieni kategorija:	dawk b'2 'A' fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
It-tielet kategorija:	dawk b'2 'A' fis-suġġetti primarji u 'Ċ' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
u	dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
Ir-raba' kategorija:	dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
Il-ħames kategorija:	dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'Ċ' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
u	dawk b'2 'B' fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
Is-sitt kategorija:	dawk b'2 'B' fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
Is-seba' kategorija:	dawk b'2 'B' fis-suġġetti primarji u 'Ċ' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
It-tmien kategorija:	dawk b' 'A' waħda u 'Ċ' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
Id-disa' kategorija:	dawk b' 'A' waħda u 'Ċ' waħda fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
L-għaxar kategorija:	dawk b' 'A' waħda u 'Ċ' waħda fis-suġġetti primarji u 'Ċ' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
Il-ħdax-il kategorija:	dawk b' 'B' waħda u 'Ċ' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda

It-tnax-il kategorija:	dawk b' 'B' waħda u 'Ċ' waħda fis-suġġettiprimarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
It-tlettax-il kategorija:	dawk b' 'B' waħda u 'Ċ' waħda fis-suġġetti primarji u 'Ċ' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
L-erbatax-il kategorija:	dawk b'2 'Ċ' fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
Il-ħmistax-il kategorija:	dawk b'2 'Ċ' fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
Is-sittax-il kategorija:	dawk b'2 'Ċ' fis-suġġetti primarji u 'Ċ' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda

(2) Rikonoxximenti tal-Università bħal ma huma gradi jew diplomi m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala sostituti għaċ-ċertifikati fil-livell tal-Matrikola kif speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.

(3) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jsejjaħ għal intervista u / jew eżami lil mhux anqas minn 10 applikanti minn dawk li ġew fil-kategoriji għoljin, sakemm jekk applikant wieħed f'kategorija jissejjaħ għal intervista, l-applikanti kollha li jaqgħu fl-istess kategorija jissejħu wkoll. Il-Bord/Bordijiet tal-Intervisti għandhom ikunu magħmula mid-Dekan jew id-delegat tiegħu, tliet membri oħra maħtura mill-Bord, li wieħed minnhom għandu jkun minn barra l-Fakultà tal-Kirurġija Dentali.

(4) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jirriserva d-dritt li jagħmel it-tieni intervista jekk żewġ applikanti jew aktar jiġu fl-istess post matul l-ewwel intervista u jipprekludu l-għażla ta' sitt applikanti.

(5) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jpoġġi lill-applikanti f'ordni tal-mertu finali wara li jikkonsidra l-attitudni, il-motivazzjoni, l-abbiltà fil-komunikazzjoni u l-isfond akkademiku globali tagħhom. Il-Kumitat għandu jissottometti rapport dettaljat inkluż ir-rakkomandazzjonijiet finali dwar l-għażla tas-sitt applikanti lill-Bord tad-Dħul tal-Università. Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà jista' jiġi mgħejjun minn esperti jekk iħoss il-ħtieġa waqt l-intervisti tal-għażla.

(6) Iż-żewġ postijiet riservati għall-applikanti li huma ċittadini minn pajjiż terz skont ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandhom jimtlew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà li jista' l-ewwel jikkunsidra applikanti li jkunu rakkomandati skont ftehim li l-Università tista' tkun għamlet ma' istituzzjonijiet jew gvernijiet barranin.